# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)
# SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR MICHAEL MALLIA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 16 ta' Marzu, 2000**

Citaz. Nru. 210/99

Maltacom plc

-vs-

Piat Enterprises Limited

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet illi fuq talba tal-konvenut kienet installat is-servizz telefoniku bin-numru 374385.

Illi l-konvenut hu debitur tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' elf tliet mija dsatax-il lira Maltin u sbatax-il centezmu (Lm1,319.17) liema ammont huwa dovut ghall-uzu (pulses/calls) spejjez ta' installazzjoni u servizz tal-linja tat-telefon;

Illi l-istess konvenut gie interpellat ihallas is-somma msemmija izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

Talbet lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tikkundannah ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' elf tliet mija u dsatax-il lira Maltija u sbatax-il centezmu (Lm1319.17) liema ammont huwa dovut ghall-uzu (pulses/calls),

spejjez ta’ installazzjoni u servizz tal-linja tat-telefon.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, ta’ l-ittra ufficjali tat-3 ta’ Marzu 1998 u l-imghax legali kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ukoll id-dikjarazzjoni tal-fatti tas-socjeta’ attrici ikkonfermata bil-gurament minn Salvinu Farrugia.

Rat ir-riferta posittiva tal-konvenut b’din ic-citazzjoni, kif ukoll bl-appuntament tas-smiegh ta' din il-kawza li ggib id-data tad-9 ta' Dicembru 1999, illi naqas illi jattendi ghas-seduta tal-lum, ghal-liema data kienet giet appuntata din il-kawza.

Il-Qorti;

Peress illi jidhrilha illi t-talbiet attrici huma gustifikati, tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ l-istess talbiet attrici, tiddikjara lill- konvenut debitur fil-konfront tas-socjeta’ attrici fl-ammont komplessiv ta’ elf, tliet mija u dsatax-il lira Maltin u sabtax-il centezmu (Lm1,319.17). Tikkundannah ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ndikata ta’ Lm1,319.17.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-prezenti, ta’ l-ittra ufficjali tat-3 ta’ Marzu 1998 bl-imghax legali mid-data ta’ din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv, kollox kontra l-konvenut.

(ft.) Michael Mallia
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur